## IN MEMORIAM.

# UGO MUSCAT AZZOPARDI P.L.

TWIELED fit-18 ta' April, 1890. Miet fit-2 ta' Settembru, 1952. Għamel l-istudji tiegħu tal-Liċeo u daħal għall-kors ta' Prokuratur Legali u kellu bħala Professuri tiegħu l-Avukati Ganni Caruana, E.C. Vassallo u Wiġi Randon u ħa l-*warrant* fl-1913, iżda ftit għamel użu minnu fil-Qorti, għalkemm il-liġi swietlu mhux ftit fil-ħajja kummerċjali tiegħu.

Il-ġibda li kellu lejn il-kummerċ u x-xejra għal dan ix-xorta ta' xogħol imħaddnin mal-kwalità serja waqt ix-xogħol, imma ċajtiera waqt il-ħinijiet battala u l-mistrieħ, swietlu biex jkun maħbub ma' kull min għamilha miegħu. Kellu tattika kbira biex iħoll il-problemi l-iktar imwiegħra bla ma qatt qata' qalbu.

Fil-bidu tal-karriera tiegħu irnexxielu jilħaq Aġent tas-*Societè Generale de Surveillance* ta' Ginevra u tagħha baqa' kollaboratur l-aktar stmat għal tletin sena sħaħ sakemm ħadha f'idejh ħuh Ivo.

Is-Sur Ugo kien ukoll l-amministratur tas-*Società Pontoni e Lancie*, soċjetà l-iktar importanti fost il-kumpannijiet li kien hawn fil-port tagħna inkarikata mit-trasport tal-ħatt tal-merkanzija minn fuq il-vapuri għall-art. Din ix-Xirka nħallet wara l-aħħar gwerra u huwa kien inkarikat għal-likwidazzjoni tagħha li mexxa bl-akbar ħaqq u reqqa.

Waqt il-gwerra ta' l-1939-45 huwa ndaħal u ħa fuq spallejh żewġ organizzazzjonijiet ta' l-akbar importanza u fejda għaċ-ċirkustanzi u emerġenza li fihom kienet tinsab il-Gżira tagħna. L-ewwel waħda hija l-għaqda tal-makni tad-dqiq li ħadet l-isem (li għadu sal-lum) ta' *The Malta Millers Emergency Association* li b'riħitha irnexxielu jġagħal lill-Makni tad-Dqiq jaħdmu id f'id, bħal bniedem wieħed. Din l-organizzazzjoni tant irnexxiet li baqgħet taħdem ukoll wara li temmet il-gwerra u għadha sejra sal-ġurnata tal-lum.

Għaqda ta' importanza kbira li tagħha s-Sur Ugo kien ukoll amministratur u, m'għandna x'ingħidu xejn, Direttur, kienet dik l-organizzazzjoni magħrufa bl-isem ta' UNSTO li nħallet wara ftit li l-periklu tbiegħed mix-xtut tagħha. L-UNSTO kienet inħolqot fl-aqwa tal-gwerra u fl-aqwa tal-*blitzes*, meta minħabba l-attakki tal-għadu bil-bombi u n-nuqqas ta' faċilitajiet, il-ħatt tal-*convoys* u t-tqegħid ta' merkanzija fl-imħażen kienu saru problema mill-aqwa. Bis-saħħa tal-ħidma ta' l-UNSTO l-merkanzija, hekk prezzjuża għall-Maltin, f'dawk iż-żminijiet hekk ħorox, kienet tinħatt fl-inqas żmien li sata' jkun u bl-inqas telf.

Iċ-ċertifikati li kienu tawh l-Awtoritajiet huma l-akbar xhieda tal-ħidma u għajnuna tiegħu biex Malta rebħet, imma ħafna minn dawn il-ħidmiet tiegħu kienu sigrieti u hekk jinħtieġ li jibqgħu.

Is-Sur Ugo Muscat Azzopardi, fil-ħajja privata tiegħu kien magħruf bħala bniedem karitatevoli u filantropiku u aktar 'il quddiem, wara li jgħaddu s-snin u ismu aktarx jintesa għalkollox — għax id-dinja hekk tħallas lin-nies li għamlu l-ġid f'ħajjithom — il-Maltin għad isiru jafu

b'ċerti d'spożizzjonijiet testamentarji li għandhom juru l-qalb ġeneruża ta' dan il-bniedem benefattur, ħwejjeġ li bħalissa jeħtieġ li jinżammu segrieti.

Bix-xogħol kollu li bih kien imgħobbi fil-ħajja kummerċjali tiegħu, huwa kien isib iż-żmien għal xi ħidma ta' ġid fis-soċjetà pubblika, u, billi kellu qima għall-qawl Malti li jgħid "min jikriha joqgħod għaliha", kien bir-reqqa kollha jagħmel dmiru f'kull karika privata li jkun indaħal għaliha; għalhekk kont tarah b'sagrifiċċji kbar ta' l-interessi privati tiegħu, jaqdiha bl-akbar ħeġġa u ħerqa, fost dawn ta' min isemmi x-xogħol tiegħu fil-karika li kellu ta' Segretarju ta' l-"Overseas Club" u ta' Membru tal-Kunsill ta' l-Università", maħtur mill-Gvernatur innifsu.

Barra minn hekk, kif hemm imsemmi fl-editorjal ta' din il-ħarġa ta' "IL-MALTI", is-Sur Ugo, ma naqasx li jimxi mal-ġibda tradizzjonali għall-Malti, li nsibu fil-familja tiegħu, u għalhekk, kif sewa ta' ġid f'intrapriżi privati oħra, ma baqax lura li ma jurix l-interess tiegħu wkoll għall-qawmien u progress tal-Lsien Malti, li tiegħu, Missieru, kien wieħed mill-aqwa pajunieri fis-seklu li għadda. Lis-Sur Ugo nsibuh, għalhekk, imsieħeb ma' ħutu, Gino u Ivo, fil-ħidma tal-moviment il-ġdid għall-Malti taħt it-tmexxija tal-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*, li tagħha Missierhom kien l-ewwel President, billi ndaħal biex ikun wieħed mill-Membri fil-Kummissjoni tal-*Għoti tal-Medalja* "Gużè Muscat Azzopardi", kif ukoll billi ndaħal sabiex bil-ġenerożità tiegħu din il-Għaqda jkollha d-Dar tagħha fejn il-membri tagħha jkunu jistgħu jagħmlu l-laqgħat tagħhom.

Bil-mewt tiegħu, sew is-soċjetà kemm b'mod partikulari l-Għaqda, tilfu ċittadin Malti fil-veru sens tal-kelma, patrijott, ħabib u benefattur tal-qalb, li ismu ma għandux jintesa hekk malajr, kif ma ntsewx figuri oħra bħalu li bil-ħidma tagħhom kienu ta' ġid u ġieħ għal Malta u għall-isem Malti.